MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2006

Numru 1090/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**
**V**

**JOHN MARY CUTAJAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOHN MARY CUTAJAR** ta' tmienja w erbghin sena bin Francis u Marianna nee Caruana, imwieled Pieta nhar s-sebgha ta' April 1957 u joqghod 23, Triq il-Kostituzzjoni, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita numru 305957M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmintax ta' Novembru 2005 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija f'Misrah Carlo Diacono, Zejtun:

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika fuq il-

Gwardjan Lokali 356 Vincent Schembri, filwaqt li kien qed jagixxi ghal eskuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond l-ligi mill-awtorita kompetenti;

2. talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara fuq vettura tal-marka Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni EBG 274 liema hsara tiskorri l-hamsin lira maltin izda mhux l-hames mitt lira maltin u dan ghad-dannu ta’ Sterling Car Rentals Limited;

3. talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi voluntarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubblika b'ghajjat u glied fil-pubbliku.

Il-Qorti giet miltuba sabiex f’kaz ta’ htija tapplika l-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa ta’ Dicembru 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbatax ta’ Gunju 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil imputat jiddikjara li lest li jhallas lis-socjeta Sterling Car Rentals Limited ghas-saldu s-somma ta’ mija

tmienja u tletin lira u hamsin centemzu, rappresentanti danni kagjonati minnu.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe meta gew mahlufa l-akkuzi fil-konfront tieghu u b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu zewg kontravenzjonijiet biss registrata fuqha fejn inghata canfira u multa u ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz w id-dikjarazzjoni tal-istess imputat li lest li jhallas s-saldu lis-socjeta Sterling Car Rentals Limited.

4. Il-fatt li fil-perjodu ta' meta sehh l-incident l-imputat kien taht kura medika.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 325(b), 338(dd), 339(e) u 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat JOHN MARY CUTAJAR hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mija u hamsin lira [LM150].**

**Oltre dan qed tobbliga lil imputat li ma jimmolestax u ma jingurjax lil Gwardjan Lokali 356 Vincent Schembri ghal perjodu ta' sena mill-lum tahht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------